Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San David

Right side entering from Triq San David

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
53A, Belt il-Ġmiel	76

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		53A, Belt il-Ġmiel/Medina View	**76**

It-2 ta' Settembru, 2022

Nru. 1147

ATT DWAR IL-CONDOMINIA
(KAP. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija condominia:

2nd September, 2022

No. 1147

CONDOMINIUM ACT
(CAP. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-Condominium *Condominium No.*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
4756	'Lavender Court', Triq P. P. Castagna, Birkirkara	Registration of Rules	01/06/2022

Nru. tal-Condominium *Condominium No.*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
4768	'Eaton Place', Trejqet il-Bużbież fi Triq il-Ħtajriet, Il-Mosta	Registration of Rules	13/06/2022
4773	101, 'Mont Blanc', Triq E. B. Vella, Il-Mosta	Registration of Rules	15/06/2022
3109	Blk B4, Triq il-Prof. Walter Ganado, Pembroke	Registration of Rules	20/06/2022
4789	53, 'Calypso', Triq San Ġużepp, Tal-Pietà	Registration of Rules	21/06/2022
4793	89, 'Limestone Court', Triq il-Ħida, San Ġwann	Registration of Rules	22/06/2022
4795	228, 'Riolo Apartments', Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta	Registration of Rules	23/06/2022
4752	'Mediterranean Court', Triq l-Aħdar, Marsaskala	Registration of Rules	24/06/2022
4796	'Hamlet Square', Blk. A, Triq Fra Ġammari Zammit, Iż-Żurrieq	Registration of Rules	24/06/2022
4797	'Hamlet Square', Blk. C, Triq Fra Ġammari Zammit, Iż-Żurrieq	Registration of Rules	24/06/2022

Dr Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

It-2 ta' Settembru, 2022

2nd September, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

POLICE NOTICE

Nru. 154

No. 154

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ir-Rabat, Malta

Rabat, Malta

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Settembru, 2022, minn Pjazza Mario Galea Testaferrata (parkeġġ), l-Imdina u s-Saqqajja, ir-Rabat, bejn is-7.00 a.m. u l-10.00 a.m. (Pellegrinaġġ Annwali tar-Roti u l-Muturi organizzat f'ġieħ il-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar).

On Sunday, 11th September, 2022, through Pjazza Mario Galea Testaferrata (parking area), Mdina and Saqqajja, Rabat, between 7.00 a.m. and 10.00 a.m. (Annual Bicycles and Motorcycles Pilgrimage organised in the name of Our Lady of Grace of Ħaż-Żabbar).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

It-2 ta' Settembru, 2022

2nd Settembru, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 155

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2022, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Misraħ is-Sliem u Triq il-Kbira;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Settembru, 2022, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Alessio Erardi, Triq Santa Marija u Triq is-Santwarju;

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kaħwiela, Triq Santa Marija, Triq Salvu Astarita, Triq San Ġużepp, Triq Biancardi, Triq it-Tut, Triq G. Agius Muscat, Triq iċ-Ċulqana, Triq il-Marloċċ, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġakbu, Triq il-Grazzji, Triq il-Kbira, Triq ix-Xgħajra, Triq Alessio Erardi, Triq il-Lembija, Triq iż-Żinġla, Triq il-Karmnu, Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Mqaddsa, Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża u Triq is-Santwarju;

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2022, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Pjazza tal-Madonna Medjatriċi u Triq is-Santwarju;

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2022, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Misraħ il-Qalbiena Maltin, Triq l-1 ta' Frar, Triq Pasquale de Lorenzo, Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Triq Salvu Darmanin, Triq il-Ġiżimina, Triq il-Ward, Triq iċ-Ċikas, Triq il-Mina ta' Hompesch, Triq tal-Labour, Triq il-Vitorja, Triq Bajada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq ix-Xgħajra Sqaq Nru. 2, Triq Strickland, Triq Santa Tereża, Triq is-Santwarju, Triq San Duminku u Triq il-Kbira;

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kbira quddiem il-mużew tas-subien;

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Settembru, 2022, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq il-Fustan, Triq il-Qoton, Triq A. Caligari, Triq il-Fiġel, Triq il-Qaqoċċ, Triq is-Santwarju flimkien mal-eks venda, Triq San Duminku, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Hompesch, Triq il-Kunvent, Triq id-Dukkar, Triq Castaldi, Triq Lia, Triq Tumas Dingli, Triq Agostino Said, Triq il-Vulcan u Triq l-Iskola;

POLICE NOTICE

No. 155

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Friday, 2nd September, 2022, from 5.00 p.m. onwards, through Misraħ is-Sliem and Triq il-Kbira;

On Sunday, 4th September, 2022, from 7.00 a.m. onwards, through Triq Alessio Erardi, Triq Santa Marija and Triq is-Santwarju;

On Tuesday, 6th September, 2022, from 5.00 p.m. onwards, through Triq il-Kaħwiela, Triq Santa Marija, Triq Salvu Astarita, Triq San Ġużepp, Triq Biancardi, Triq it-Tut, Triq G. Agius Muscat, Triq iċ-Ċulqana, Triq il-Marloċċ, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġakbu, Triq il-Grazzji, Triq il-Kbira, Triq ix-Xgħajra, Triq Alessio Erardi, Triq il-Lembija, Triq iż-Żinġla, Triq il-Karmnu, Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Mqaddsa, Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża and Triq is-Santwarju;

On Wednesday, 7th September, 2022, from 7.00 a.m. onwards, through Pjazza tal-Madonna Medjatriċi and Triq is-Santwarju;

On Wednesday, 7th September, 2022, from 5.00 p.m. onwards, through Misraħ il-Qalbiena Maltin, Triq l-1 ta' Frar, Triq Pasquale de Lorenzo, Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Triq Salvu Darmanin, Triq il-Ġiżimina, Triq il-Ward, Triq iċ-Ċikas, Triq il-Mina ta' Hompesch, Triq tal-Labour, Triq il-Vitorja, Triq Bajada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq ix-Xgħajra Sqaq Nru. 2, Triq Strickland, Triq Santa Tereża, Triq is-Santwarju, Triq San Duminku and Triq il-Kbira;

On Thursday, 8th September, 2022, from 8.00 a.m. onwards, through Triq il-Kbira in front of the boy's museum;

On Thursday, 8th September, 2022, from 5.00 p.m. onwards, through Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq il-Fustan, Triq il-Qoton, Triq A. Caligari, Triq il-Fiġel, Triq il-Qaqoċċ, Triq is-Santwarju together with ex-bus terminus, Triq San Duminku, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Hompesch, Triq il-Kunvent, Triq id-Dukkar, Triq Castaldi, Triq Lia, Triq Tumas Dingli, Triq Agostino Said, Triq il-Vulcan and Triq l-Iskola;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022, mill-5.00 p.m. 'il quddiem, minn Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice, Triq Strickland, Triq San Lawrenz, Triq is-Santwarju,Triq San Duminku, Triq il-Kbira, Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Ġanni Bonavia, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq il-Kittien, Triq Santa Duminka, Triq Espedito Catania, Triq is-Sagħtar u Triq Bormla;

Nhar is-Sibt, 10 ta' Settembru, 2022, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Ġanni Bonavia, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq il-Kbira, Triq il-Kittien, Triq Santa Duminka, Triq Espedito Catania, Triq is-Sagħtar, Triq Bormla, Triq il-Kbira minn Triq Bormla sal-Każin tal-Banda San Mikiel, Triq is-Santwarju flimkien mal-eks venda, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Bajjada, Misrah is-Sliem, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq Biċċieni, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Felice, Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża, Triq Lia, Triq tal-Labour u Triq San Duminku;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Settembru, 2022, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Mina ta' Hompesch, Triq tal-Labour, Triq Bormla, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju flimkien mal-eks venda, Triq Bajada, Triq San Duminku u Triq l-Inkurunazzjoni.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Settembru, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 156

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, minn nofsinhar sal-10.00 p.m., mill-parkeġġ kollu tal-Bank Ċentrali.

Trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

On Friday, 9th September, 2022, from 5.00 p.m. onwards, through Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice, Triq Strickland, Triq San Lawrenz, Triq is-Santwarju,Triq San Duminku, Triq il-Kbira, Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Ġanni Bonavia, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq il-Kittien, Triq Santa Duminka, Triq Espedito Catania, Triq is-Sagħtar and Triq Bormla;

On Saturday, 10th September, 2022, from 7.00 a.m. till midnight, through Pjazza tal-Madonna Medjatriċi, Triq Ġanni Bonavia, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq il-Kbira, Triq il-Kittien, Triq Santa Duminka, Triq Espedito Catania, Triq is-Sagħtar, Triq Bormla, Triq il-Kbira from Triq Bormla till San Mikiel Band Club, Triq is-Santwarju together with ex-bus terminus, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Bajjada, Misraħ is-Sliem, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq Biċċieni, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Felice, Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża, Triq Lia, Triq tal-Labour and Triq San Duminku;

On Sunday, 11th September, 2022, from 7.00 a.m. till midnight, through Triq il-Mina ta' Hompesch, Triq tal-Labour, Triq Bormla, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju together with ex-bus terminus, Triq Bajada, Triq San Duminku u Triq l-Inkurunazzjoni.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

2nd September, 2022

POLICE NOTICE

No. 156

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Tuesday, 6th September, 2022, from noon till 10.00 p.m., through all the parking area of Central Bank.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Il-Birgu

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, mit-3.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Misraħ ir-Rebħa, Triq Pawlu Boffa u Triq il-Mina l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2022, mill-5.00 a.m. sal-9.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Ġublew tal-Fidda, Misraħ ir-Rebħa u Xatt ir-Risq.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Marsaxlokk

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Settembru, 2022, il-ġurnata kollha bejn 00.01 a.m. u 11.59 p.m. minn Triq Xatt is-Sajjieda.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-**Marsa**

Nhar is-Sibt, 24 ta' Settembru, 2022, mis-7.30 a.m. sat-8.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m., u mill-5.30 p.m. sal-11.30 p.m., għeluq ta' toroq minn Triq is-Salib tal-Marsa (mill-Knisja tat-Trinità sal-ewwel pompa tal-petrol inkluza r-rampa);

Nhar is-Sibt, 24 ta' Settembru, 2022, mill-5.30 p.m. sa nofsillejl, għeluq ta' toroq minn Triq it-Tiġrija tal-Marsa (mill-Marsa Sports Ground sal-kantuniera li tagħti għal Triq Aldo Moro);

Nhar is-Sibt, 24 ta' Settembru, 2022, mis-6.00 a.m. sal-11.30 p.m., toroq mingħajr vetturi fi Triq is-Salib tal-Marsa (mill-Knisja tat-Trinità sal-ewwel pompa tal-petrol inkluża r-rampa);

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Settembru, 2022, mill-4.30 p.m. sa nofsillejl, toroq mingħajr vetturi fi Triq it-Tiġrija tal-Marsa (mill-Marsa Sports Ground sal-kantuniera li tagħti għal Triq Aldo Moro).

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Settembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 153 tal-2022

Wirja tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir – Festa tal-Isla – 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar minn tliet (30

Vittoriosa

On Tuesday, 6th September, 2022, from 3.00 p.m. till 11.30 p.m., through Misraħ ir-Rebħa, Triq Pawlu Boffa and Triq il-Mina l-Kbira.

On Wednsday, 7th September, 2022, from 5.00 a.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Ġublew tal-Fidda, Misraħ ir-Rebħa and Xatt ir-Risq.

Public transport may be affected.

Marsaxlokk

On Sunday, 11th September, 2022, all day between 00.01 a.m. and 11.59 p.m. through Triq Xatt is-Sajjieda.

Public transport may be affected.

Il-**Marsa**

On Saturday, 24th September, 2022, from 7.30 a.m. till 8.30 a.m., from 11.30 a.m. till 12.30 p.m., and from 5.30 p.m. till 11.30 p.m., road closure from Triq is-Salib tal-Marsa (from Trinity Church to the first petrol station including the ramp);

On Saturday, 24th September, 2022, from 5.30 p.m. till midnight, road closure from Triq it-Tiġrija tal-Marsa (from Marsa Sports Ground till corner leading to Triq Aldo Moro);

On Saturday, 24th September, 2022, from 6.00 a.m. till 11.30 p.m., road clearamce at Triq is-Salib tal-Marsa (from Trinity Church to the first petrol station including the ramp);

On Saturday, 24th September, 2022, from 4.30 p.m. till midnight, road clearamce at Triq it-Tiġrija tal-Marsa (from Marsa Sports Ground till corner leading to Triq Aldo Moro).

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd September, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 153 of 2022

Fireworks Displays Grand Harbour – Senglea Feast – 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays will be let off from

barkuni, li jinsabu ħdejn xulxin u rmiġġati 200m 'il barra mill-Ponta ta' Bighi, iċċentrati fuq il-pożizzjoni Y kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Pożizżjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
Y	35°53'.632	014°31'.281

Il-logħob tan-nar se jinħaraq fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Il-Ħadd, 4 ta' Settembru, 2022, bejn t-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn l-10.15 a.m. u l-10.45 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn id-8.45 p.m. u d-9.30 p.m.;

It-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2022, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn it-8.30 p.m. u d-9.15 p.m.;

It-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn l-9.45 p.m. u l-10.45 p.m.;

L-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2022, bejn it-8.15 a.m. u d-9.30 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., bejn is-6.00 p.m., u s-7.00 p.m. u bejn id-9.30 p.m. u l-11.30 p.m.;

Il-Ħamis, 8 ta' Settembru, 2022, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn il-10.45 a.m. u 11.15 a.m., bejn nofsinhar u n-12.30 p.m., u bejn is-7.00 p.m. u l-10.00 p.m.

Il-braken li se jintużaw huma 'B 17', 'Hull 137' u 'Hull 188'.

Bejn it-Tnejn, 30 ta' Awwissu, 2022, u l-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2022, il-braken se jiġu trasferiti mit-tarzni rispettivi tagħhom għal Boiler Wharf. Il-braken imbagħad jiġu mċaqalqa minn Boiler Wharf u rmiġġati fil-pożizzjoni nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2022. Dawn jitħallew fil-pożizzjoni matul il-lejl u jinxteħlu.

Il-braken se jitneħħew mill-pożizzjoni irmiġġata nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022.

F'dawn il-jiem qed jintalab spazju wiesa' ta' 200 metru mill-braken peress li l-braken ikunu mgħobbijin bil-logħob tan-nar.

Il-logħob tan-nar jitgħabba fuq il-bastiment 'S14927' fit-Toqba tal-Birgu u jiġi trasportat lejn il-braken mis-6.30 a.m., kuljum bejn is-Sibt, 3 ta' Settembru, 2022 u l-Ħamis, 8 ta' Settembru, 2022.

Transport Malta mhux se taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil bastimenti li jitħallew fiż-żona ta' sikurezza ta' 200 metru mill-braken.

three (3) barges, located next to each other and moored 200m off Il-Ponta ta' Bighi, centered on position Y, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) on the following dates and time:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
Y	35°53'.632	014°31'.281

The firework displays will be let off on the following dates and times:

On Sunday, 4th September, 2022, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between 10.15 a.m. and 10.45 a.m., between noon and 12.20 p.m. and between 8.45 p.m. and 9.30 p.m.;

On Monday, 5th September 2022, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m. and between 8.30 p.m. and 9.15 p.m.;

On Tuesday, 6th September, 2022, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m. and between 9.45 p.m. and 10.45 p.m.;

On Wednesday, 7th September, 2022, between 8.15 a.m. and 9.30 a.m., between noon and 12.20 p.m., between 6.00 p.m. and 7.00 p.m. and between 9.30 p.m. and 11.30 p.m.;

On Thursday, 8th September, 2022, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between 10.45 a.m. and 11.15 a.m., between noon and 12.30 p.m., and between 7.00 p.m. and 10.00 p.m.

The barges being used are 'B 17', 'Hull 137' and 'Hull 188'.

Between Monday, 30th August, 2022, and Friday, 2nd September, 2022, the barges will be shifted from their respective shipyards to Boiler Wharf. The barges will then be shifted from Boiler Wharf and moored in position on Friday, 2nd September, 2022. They will be left in position during the night and will be lit.

The barges will be removed from the moored position on Friday, 9th September, 2022.

A wide berth of 200 meters is requested from the barges on these days as the barges will be loaded with fireworks.

Fireworks will be loaded onto the vessel 'S14927' at It-Toqba tal-Birgu and transported to the barges from 6.30 a.m., every day between Saturday, 3rd September, 2022 and Thursday, 8th September, 2022.

Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any damage caused to vessels that are left within the 200m safety zone from the barges.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'kawtela u bil-mod. Huma għandhom jobdu kwalunkwe struzzjonijiet u direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe aġenzija tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata BA Chart 177.

It-2 ta' Settembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 154 tal-2022

Wirja tan-Nar mix-Xatt 'il barra mill-Fortizza Manoel – 8 ta' Settembru, 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se ssir wirja ta' logħob tan-nar ta' tliet (3) minuti mix-xatt tal-Fortizza Manoel nhar il-Ħamis, 8 ta' Settembru, 2022. Il-wirja se tkun iċċentrata fil-Punt A kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.203	14° 30'.425

In-nar se jinħaraq bejn il-11.30 p.m. u nofsillejl.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60 metru 'l bogħod mill-punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajjes irmiġġati jew ankrati fiż-żona kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta mhux se taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-ħruq tan-nar lill-bastiment jew proprjetà oħra, kemm jekk tali bastiment jew proprjetà tkun fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' Settembru, 2022

Mariners are to navigate with caution and slow speed. They are to obey any instructions and directions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement officers on site.

Chart affected BA Chart 177.

2nd September, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 154 of 2022

Fireworks Displays from the Foreshore off Il-Fortizza Manoel – 8th September, 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that that a 3-minute fireworks display will be let off from the foreshore of Il-Fortizza Manoel on Thursday 8th September, 2022. The display will be centred at Point A, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) on the following dates and time:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 54'.203	14° 30'.425

The fireworks will be let off between 11.30 p.m. and midnight.

In view of the above, mariners are advised to keep 60 metres away from point A on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed or anchored within the area shown on the attached chart are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel or other property, whether such vessel or property is left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

2nd September, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Post ta' Manager II fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager II fi ħdan l-Iskola Nazzjonali tal-Isport (NSS) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2. Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3. Is-salarju ta' Manager II huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fis-sena 2022 huwa ta' €26,438 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €29,625.

2.4. Persuna fil-grad ta' Manager II titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€28,132 x €596.33 - €31,710 fis-sena 2022) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager II fi Skala ta' Salarju 7, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5. Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Post of Manager II in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the post of Manager II within the National Sports School within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Terms and Conditions

2.1. This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2. During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3. The salary for the post of Manager II is Salary Scale 7, which in the year 2022 is €26,438 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €29,625.

2.4. A Manager II will progress to Salary Scale 6 (€28,132 x €596.33 - €31,710 in 2022) on completion of three (3) years service as Manager II in salary scale 7, subject to satisfactory performance.

2.5. Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6. Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.7. Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi maniġerjali/ta' uffiċjal/prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8. Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9. Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' Manager II fi ħdan l-Iskola Nazzjonali tal-Isport (NSS) jinkludu li:

i. Jikkordina l-proċess amministrattiv tal-Kriterji tad-Dħul tas-Seba' (7) Sena u d-Disa' (9) Sena li jinkludu l-applikazzjonijiet tal-wild cards u jikkordina mal-bord tal-panel tal-wild card;

ii. Jaġġorna kontinwament l-informazzjoni tas-sit elettroniku tal-iskola dwar il-proċessi ta' dħul ġodda jew kwalunkwe informazzjoni oħra fuq is-sit elettroniku tal-NSS taħt il-gwida tal-kap tal-iskola u l-Kap tan-Network tall-Kulleġġ, inkluz il-ġestjoni, it-tixrid u l-aġġornament tal-PR u l-branding tal-iskola;

iii. Jgħin lill-Kap tal-iskola biex jiskeda provi, jikkordina l-proċess tal-fitness test għall-applikanti ġodda u jassisti fl-amministrazzjoni u l-proċess tas-sistema tal-iscouting fi ħdan l-NSS li jinkludi l-kordinazzjoni tal-persunal fil-proċess tal-iscouting u jipprovdi rapporti ta' valutazzjoni dwar l-iscouting;

iv. Jistabbilixxi kuntatt kontinwu ma' entitajiet sportivi u għaqdiet sportivi u jistabbilixxi kuntatt biex jiġu reklutati esperti barranin f'diversi dixxiplini sportivi biex jiggwidaw is-sistemi ta' għażla u l-iscouting minn etajiet bikrija fl-iskejjel primarji;

2.7. Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the managerial/officer/practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.8. It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in accordance with established vacancies.

2.9. The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The duties of a Manager II within the National Sports School (NSS) include:

i. Coordinates the administrative process of the Entry Criteria in Year 7 and Year 9, including the wild cards applications and liaises with the wild card panel board;

ii. Continually updates the school website information regarding the new entries process or any other information of the NSS website under the guidance of the Head of School (HoS) and Head of College Network (HCN) including maintaining, disseminating and updating the School PR and branding;

iii. Assists the HoS to schedule trials, coordinates the process of the fitness test for new entries and assists in the administration and processes of the scouting system within the NSS including the coordination of personnel in the scouting process and providing assessment reports on scouting;

iv. Establishes continuous contact with sports entities and sports associations, and establishes contacts to recruit foreign experts in various sports discipline to guide the selection systems and scouting from early ages in primary schools;

v. Jgħin lill-kap tal-iskola jistabbilixxi skadenzi għall-Kriterji tad-Dħul, għall-Iskema tal-Isport Postsekondarja u għal opportunitajiet ta' scouting u jikordina l-Iskema tal-Isport Postsekondarja;

vi. Ikun responsabbli mill-iċċekkjar tal-proċess finanzjarju tal-persunal tal-kowċis li jżur l-NSS u l-Iskema tal-Isport Postsekondarja;

vii. Jgħin billi jorganizzazzjoni kampijiet ta' taħriġ barra minn Malta u jikkuntattja entitajiet differenti f'dixxiplini sportivi differenti, inkluz il-ġestjoni tal-ispejjeż tal-kampijiet ta' taħriġ, l-assigurazzjonijiet, il-biljetti tal-ajru, l-isponsorships, eċċ. Dan jinkludi l-iċċekkjar tal-loġistika ma' assoċjazzjonijiet sportivi lokali meta tittratta ma' kampijiet ta' taħriġ f'barra l-pajjiż u l-iċċekkjar tal-proċess tal-kampijiet ta' taħriġ barra l-pajjiż u tanalizza r-rispons mogħti mill-kowċis u l-istudenti;

viii. Jistabbilixxi kuntatti sabiex tinħoloq Taqsima tax-Xjenza tal-Isport fl-NSS biex jinkisbu studji u riżultati xjentifiċi. Dan jinkludi titjib fil-laboratorji tal-isport tal-iskola u fil-Laboratorju tal-Prestazzjoni Fiżika;

ix. Jattendi laqgħat perjodiċi mal-Kap tal-Iskola u l-SMT biex tiddiskuti l-projezzjonijiet u jgħin lill-Kap tal-Iskola fit-tmexxija ta' kuljum tal-loġistika tal-NSS ta' kuljum fl-isports;

x. Jistabbilixxi kuntatti barranin biex jipprovdu boroż ta' studju lill-istudenti tal-NSS barra l-pajjiż fl-isport;

xi. Ikun responsabbli mill-Amministraturi Sportivi u mill-Uffiċjali Sportivi tal-NSS, jipprovdi rapport kull term dwar l-Amministraturi tal-Isport u l-Uffiċjali tal-Isport lill-Kap tal-Iskola u jiddisinja PMPD għall-coaching staff tal-NSS;

xii. Jattendi għall-proġett KA1 tal-Erasmus għall-iżvilupp personali u jattendi laqgħat barra minn Malta biex jiġu stabbiliti kuntatti fl-isports;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

v. Assists the Head os School establish timelines for the Entry Criteria, Post-Secondary Sports Scheme and scouting opportunities and coordinates the Post-Secondary Sports scheme;

vi. Be responsible of the checking of the financial process of the visiting coaching staff at NSS and Post-Secondary Sport Scheme;

vii. Assists in organising training camps abroad and contacts different entities in different sports disciplines including the management of training camps expenses, insurances, airline tickets, sponsorships etc. This includes checking logistics with local sports associations when dealing with training camps abroad and checking the process of the training camps abroad and analyzing the feedback given from coaches and students;

viii. Establish contacts in order to create a Sports Science Section at the NSS to attain scientific studies and results. This includes enhancing the school sports labs and the Physical Performance Lab;

ix. Attends periodic meetings with the Head of School and SMT to discuss projections and assist the HoS in the day-to-day running of the NSS logistics in sports;

x. Establishes overseas contacts to provide NSS students scholarships abroad in sports;

xi. Be responsible of the NSS Sports Administrators and Sports Officers, provides a term report on Sports Administrators and Sports Officers to the Head of School and design PMPD for the NSS coaching staff;

xii. Attends KA1 Erasmus project for self-development and attend meetings abroad to establish contacts in sports;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom Masters degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVE jew ekwivalenti*) fl-Isports jew Edukazzjoni Fiżika.

*Kwalifiki ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni

matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English Language;

AND

iii. in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Sports or Physical Education.

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to

formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2022. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1(iii) jew 4.2.

4.4. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u

an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment

4.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3. Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1(iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 4.1(iii) and 4.2.

4.4. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the

d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

